MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 8/2004

**Peter Spiteri**

**vs**

**Xuereb Glass Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ Lulju, 2004, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra t-talba tal-appellant ghad-dikjarazzjoni ta’ tkeccija ngiusta mill-impjieg tieghu mis-socjeta` intimata.
Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li allegat li t-tkeccija saret ghal raguni valida, inkluz dik ta’ redundancy.
Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera:

Illi mhux kontestat li s-socjeta` intimata tterminat l-impjieg tal-appellant meta kien fuq ‘sick leave’ minhabba incident awtomobilistiku. L-imghallem tieghu qabad u impjiega lil haddiehor floku minhabba li ma setax joqghod minghajr xufier biex iqassam ix-xoghol. Meta gie lura ghax-xoghol l-imghallem infurmah li ma kienx hemm post aktar ghalih.

Rinfaccjat b’ dawn il-proceduri s-socjeta` intimata allegat ukoll certu nuqqasijiet tal-appellant. Dawn kienu jikkonsistu filli l-appellant ma jilbisx uniformi tax-xoghol u ma kienx joqghod il-hin kollu fuq il-post tax-xoghol.

Jirrizulta mill-provi prodotti, inkluzivament dawk prodotti mis-socjeta` intimata stess li dawn l-allegazzjonijiet huma infondati. Di fatti kull ma kien jaghmel, kien jibdel il-flokk u jilbes wiehed bic-cingi. Dwar il-hin li ma kienx jaghmel, irrizulta li s-socjeta` intimata kienet izzomm ‘overtime’ ghal sieghat shah anke sa bil-lejl, lill-impjegati taghha. Dana minghajr pre-avviz u ta’ kuljum. Pero` dwar pagamenti tal-pagi, kien ikollhom jistennew anke ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur biex jithallsu dak li dovut legittimament lilhom kull gimgha hmistax jew xahar peress li l-imghallem kien jistenna l-ewwel li jithallas mill-klijenti tieghu. Dwar l-allegata ‘redundancy’ veru li s-socjeta` intimata kellha ‘redundancy’ izda dina giet krejata minnha stess. Di fatti l-post tal-appellant gie akkwistat mill-impjegat il-gdid. Anki f1-aghar ipotesi, ma kellux jigi terminat l-impjieg tal-appellant fuq din il-bazi izda tal-persuna li giet impjegata warajh. U dana aktar u aktar meta l-hames (5) impjiegati kienu kapaci li jaghmlu kollha l-istess xoghol u huma fl-istess grad.

Jirrizulta lit-Tribunal li r-ragunijiet moghtija mis-socjeta` intimat ma ggustifikawx it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant minn mas-socjeta’ intimata. It-tkeccija tieghu saret ghal ragunijiet mhux gjusti.

Mhux il-lok li t-Tribunal jordna r-rimpjieg billi dan ma hiex mitluba u l-appellant ser jemigra min dawn il-Gzejjer.

Bhala ammont tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-soliti fatturi it-Tribunal jiffissa s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000).

Jiddeciedi billi jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant da parti tas-socjeta` intimata ma saritx ghal raguni gjusta, u tiffissa kumpens fis-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000).

B' hekk din il-kwistjoni hija terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni, it-Tribunal jiffissa dritt ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25)."

Kontra din is-sentenza appellat is-socjeta` Xuereb Glass Co. Ltd. Hi qeghda fl-ewwel lok tippretendi li rnexxielha tiddeduci ragunijiet sufficcjenti b' gustifikazzjoni ghat-tkeccija ta' l-appellat, impjegat taghha. Bhala t-tieni aggravju hi tikkontendi illi t-Tribunal adit naqas li jimmotiva l-likwidazzjoni ffissat minnu relattiv ghall-kumpens u dan gab, b' konsegwenza, li hi kienet fl-impossibilita` li tivvaluta jekk tabilhaqq l-istess likwidazzjoni kienetx, jew le, fil-parametri voluti mil-ligi;

Fil-kontestazzjoni ta' dawn l-aggravji l-appellat wiegeb billi fir-rigward ta' l-ewwel ilment issolleva l-inappellabilita` tieghu, u, fil-kaz tat-tieni ilment, illi dan kien wiehed fieragh;

Huwa certament fl-ordni logiku-guridiku illi din il-Qorti tinvesti *in primis* il-pregudizzjali sollevata ta' l-inappellabilita` tad-decizjoni li minnha ssejjes l-ewwel aggravju;

Skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kontemplati f' dik id-disposizzjoni "fuq punt ta' ligi". Ghandu jigi rilevat illi in linea generali ma hemmx bzonn li

dan il-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per ezempju fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356), il-ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dan ma tghidux. Huwa sufficcjenti ghalhekk li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew *impliciter* fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara f' dan is-sens is-sentenza riportata a **Vol. XL P I p 137**;

Dan premess, jidher li l-punt sollevat f' dan il-kaz jikkonsisti unikament minn kritika ta' l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal biex wasal ghal konkluzjoni illi l-licenzjament ta' l-appellat kien ingustifikat;

Ma jistax ikun dubitat illi t-Tribunal ghandu dawk l-attribuzzjonijiet u funzjonijiet gudizzjarji specjali espressament rizervati lilu bil-Kapitolu 452; *inter alia*, dawk mahsuba fl-Artikolu 75 (1) tieghu. Naturalment huwa veru li fl-espletament ta' dawn l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet it-Tribunal ma jistax jinjora certi regoli fondamentali izda daqstant iehor huwa veru wkoll illi ghal dak li huwa apprezzament tal-fatt dedott dan huwa mholli b' mod esklussiv fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal. Ghaldaqstant id-decizjonijiet tat-Tribunal, ghal dawk li huma kwestjonijiet u konkluzjonijiet ta' fatt, huma finali u ma jistghux jigu riveduti jew censurati minn din il-Qorti. Kieku kien xort' ohra l-legislatur ma kienx ikollu ghalfejn jillimita statutorjament id-dritt ta' appell ghal punt ta' ligi biss;

Biex wiehed jissellef mill-kliem tas-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha "hawn si tratta minn kwestjoni dwar jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienetx gusitifikata ossia le". Fuq din l-osservazzjoni ghandu jinghad illi minn ezami tas-sentenza appellata t-Tribunal ghamel gudizzju ta' apprezzament dwar x' kienu l-elementi fattwali li wassluh ghall-konvinciment illi t-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellat saret ghal ragunijiet mhux gusti. Materja din

essenzjalment wahda ta' fatt u fiha nfisha ma kienet timporta generalment ebda punt ta' ligi. Jista' jinghad ghalhekk illi d-decizjoni ma kienet tissolleva ebda punt ta' ligi imma kienet biss taghmel evalwazzjoni fattwali tal-provi prodotti, ta' naha u ta' ohra. Una volta dan hu hekk il-kaz, is-sentenza mhix censurabbli minn din il-Qorti. Li jfisser allura li l-ewwel aggravju sottomess ma jaqax taht id-dispost ta' l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att imsemmi billi ma hemm ebda punt ta' ligi li fuqu jista' jirpoza. Konsegwentement, ferma din il-konsiderazzjoni, il-pregudizzjali mqanqla mill-appellat hi gustifikata u l-appell allura ghandu, fil-kaz ta' l-ewwel ilment, jitqies irritu u null;

Kwantu ghad-doljanza l-ohra tas-socjeta` appellanti riferibilment ghan-nuqqas ta' motivazzjoni adegwata fil-kaz tal-kumpens likwidat, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi s-sottomissjonijiet avvanzati ma jistghux ikunu ta' vantagg ghall-akkoljiment tat-tieni aggravju;

Ibda biex il-ligi specjali applikabbli ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruhha fil-proviso ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att biex tippreciza certi kriterji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-istabilizzar ta' l-ammont tal-kumpens. Jigifieri "it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta, kif ukoll cirkustanzi ohra, inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-imjieg ta' dak il-haddiem";

Minn dan hu dezumibbli li l-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed *boni viri*, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-*bonus paterfamilias.* Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena accennat;

Issa huwa veru illi l-motivazzjoni, allavolja tista' ma tkunx wahda elaborata, hi ta' essenza tal-gudizzju. Fil-hsieb ta' din il-Qorti s-sentenza in ezami tikkontjeni dan il-minimu ta' motivazzjoni mehtiega biex tirrendiha ritwali taht dan l-aspett. Dan qed jigi rilevat in kwantu jidher mill-parti razzjonali taghha illi t-Tribunal iffissa l-kumpens wara li ha qies "tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-soliti fatturi". Wiehed ma ghandux ghalfejn jiddubita illi fost dawn il-fatturi soliti kien hemm ukoll il-kriterji precizati fid-dispost fuq imsemmi. Hemm ukoll indikazzjoni ta' x' kienu l-elementi fattwali li wasslu lit-Tribunal ghall-fissazzjoni tal-kumpens minnu likwidat. Ma kienx mistenni li t-Tribunal jinoltra ruhu f' ragonament dettaljat ta' kif wasal ghalih. Il-motivazzjoni additata mit-Tribunal hi wahda sufficcjenti u allura in bazi ghall-istess rizultanzi processwali u kriterji statutorji, din il-Qorti ma ssibx li hu l-kaz li tindaga oltre l-operat u diskrezzjoni tat-Tribunal. Tosserva biss li hi sodisfatta illi d-dettami tal-ligi fuq din il-materja gew rispettati mit-Tribunal u li, f' dan is-sens, id-decizjoni tieghu hi wahda sufficcjentement korretta ta' l-istharrig u evalwazzjoni tal-provi u l-iffissar tal-kumpens.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza tat-Tribunal Industrijali, konfermata, bl-ispejjez gudizzjarji jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------